MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1809/2002

**John Grech**

**Vs**

**Steve Spiteri u Laferla Insurance Agency Ltd bhala agenti tas-socjeta Middle Sea Insurance plc u b'digriet moghti mit-Tribunal fl-14 ta Frar 2003 il-kliem Middle Sea Insurance plc gew sostitwiti bil-kliem Citadel Insurance plc.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta Lulju 2002 fejn intalab li l- konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur s-somma ta' elf u mitejn lira lira (Lm1200) rapprezentanti valur ta danni sofferti minnu f'incident stradali li sehh fil-31 ta Awissu 2001 gewwa Regional road bejn il-vettura numru CAO 025 misjuqa mill-attur u vettura numru IAF 169 misjuqa mill-konvenut Spiteri ghal liema ncident dan ta l-ahhar kien unikament responsabbli.

Liema talbiet qed jigu ntavolati wkoll kontra l-precitata socjeta assikuratrici tal-konvenut fil-kapacita taghha premess u dana ai termini tal-Kap 104 stante li qed tirrifjuta li taghmel tajjeb nonostante li l-vetttura involuta kienet debitament assikurata maghhom.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta Laferla Insurance Agency Ltd kemm proprio kif ukoll nominee datata 9 ta Awissu 2002 fejn gew kontestati t-talbiet attrici fil-konfront taghha premessa ghal numru ta ragunijiet cioe:-

1. Is-socjeta kif imharka la hi mandatarja u anqas agenta tas-socjeta Middle Sea Insurance plc.
2. Illi fi kwalunkwe kaz ebda agent ma jista jigi mharrek ghan-nom ta principal meta dan ta l-ahhar ikun hawn Malta;
3. Illi s-socjeta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi si tratta ta kawza ghad-danni u kwindi prosegwibbli biss kontra l-allegat danneggjant u mhux ukoll kontra xi terza persuna ma min id-danneggjant jista jkollu xi rabta kontrattwali;
4. Illi d-danni reklamati huma ezagerati in vista tal-fatt li l-vettura ta l-attur kellha pre-accident value ta Lm900 u meta tqis li l-wreck value kienet ta Lm300, id-danni effettivament sofferti ma setghux jaqbzu s-somma ta Lm600.
5. B’riserva li jigu prezentati eccezzjonijiet ohra.

Jigi rilevat illi l-konvenut Steve Spiteri baqa ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talbiet attrici filwaqt li jigi notat li ebda wahda mill-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta assikuratrici ma kienet indirizzata lejn ir-responsabbilita tal-incident meritu tal-kawza. Jirrizulta pero in segwitu wara li kienu gia nstemghu l-provi ta l-attur u wara li saret korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fir-rigward tal-kapacita li fiha giet mharrka s-socjeta assikuratrici, il-konvenut Steve Spiteri pprezenta risposta fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident u kif ukoll il-kwantum tad-danni.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali maghmula mill-abbli konsulenti legali tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta kienet giet irtirata in vista tal-korrezzjoni li saret fl-okkju tal-kawza u ghalhekk dan it-Tribunal ser jastjeni milli jiehu konjizzjoni taghha.

L-attur jispjega li l-incident gara hu u diehel fit-tunnel ta qabel ma tigi ghall-Universita. Peress li ra traffiku stagnat quddiemu hu beda jirrallenta l-vettura tieghu hekk kif beda joqrob lejn it-tunnel. Kif kien qed jaghmel dan sema hoss ta brake qawwi u kif hares warajh mill-mera lemah lill-vettura tal-konvenut gejja ghal fuqu bi speed qawwi tant li s-sewwieq taghha ma rnexxilux izommha meta bbrejkja biex jipprova jevita dik ta l-attur. Fil-fatt il-hsara fuq il-vettura tal-attur kienet kollha fuq wara pero ta natura estensiva tant li s-socjeta konvenuta kienet qaltlu li kienet beyond economical repair. Tar-wreck ighid li gabar biss Lm100. L-attur ighid li s-survey report mqabbad mis-socjeta konvenuta jaghti valur ta Lm1500 lill-vettura tieghu u ta Lm200 wara l-incident. John Mallia l-akkwirent tal-vettura tal-attur ighid pero li huwa kien xtraha minnghandu ghas-somma ta Lm200 u mhux Lm100 u li kien xtraha biex isewwiha mhux biex izarmha kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur John Grech.

Illi mill-ftit provi li tressqu dwar l-incident innifsu ma hemmx dubbju u bilkemm jinsab kontestat il-fatt li kien proprja l-konvenut Steve Spiteri li ghandu jigi tenut responsabbli ghall-habta in kwistjoni – jonqos biss ghalhekk jigi kunsidrat jekk l-ammont mitlub jinsabx ipprovat o meno u kif ukoll l-eccezzjonijiet ta natura legali proposti mis-socjeta konvenuta.

Illi dwar Il-valur tad-danni subiti, jigi notat li l-attur naqas li jressaq prova wahda – anqas is-survey report imsemmi

ma gie prodott. Ighid li kienet tiswa Lm1500 u li bieghha wara ghal Lm100 filwaqt li skond Dok JG1 is-socjeta konvenuta tallega li kienet tiswa Lm900 u li kellha wreck value ta Lm300. Illi fid-dawl ta dan in-nuqqas it-Tribunal sejjer jistrieh fuq il-pre-accident value ta Lm900 indikat f'Dok JG1 pero sejjer jikkunsidra l-fatt li gie provat li l-wreck inbieghet ghal prezz ta Lm200 ( u cioe la Lm300 u anqas Lm100 kif semmew il-partijiet ) kif jirrizulta mx-xhieda tal-akkwirent John Mallia.

Illi fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta assikuratrici qed tallega li qatt ma messha giet mharrka qua agent stante li l-principal taghha ma hux nieqes mill-Gzejjer Maltin u dana kif stipulat ai termini tal-artikolu 1866 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta. Inoltre gie eccepit ukoll li l-kaz in ezami si tratta ta kawza ghad-danni u kwindi seta biss jigi mharrek id-danneggjat u ebda terza persuna ohra. Illi t-Tribunal wara li ra u kkunsidra kemm l-artikolu 1866 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u kif ukoll il-qaghdha legali ta dak iz-zmien bejn id-danneggjant u d-danneggjat f'incident awtomobilistiku u cioe ai termini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta Malta, jinsab propens li jaghti ragun ghal dawn iz-zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-talbiet attrici fis-sens li jiddikjara li l-konvenut Steve Spiteri kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, jillikwida d-danni minnu kkagonati fl-ammont ta seba mitt lira (Lm700) in vista tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula u kwindi jikkundanna lill-konvenut Steve Spiteri jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata fl-ammont ta Lm700 bl-imghaxjiet legali dekorribbli mid-data ta din is-sentenza. Fl-istess hin It-Tribunal qieghed jakkolji t-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevati mis-socjeta konvenuta u konsegwentement jilliberha mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjes ta din l-istanza ghandhom jigu sopportati lkoll mill-konvenut Steve Spiteri hlief ghal dawk konnessi mal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta li ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------